MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 61

27 ta' Ġunju 2023

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Giorgio Mario Schembri – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti kien daħal *online* jew ġie fuq il-post fil-ħin.

## 61.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

61.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kellhiex ittri t'apoloġiji ħlief li meta ġiet issettjata l-laqgħa il-Perit G. Schembri kien avżaha li kellu jkollu n-nies l-Uffiċċju.

## 61.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

61.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa 60 ġew approvati.

## 61.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

61.3.1 *Imejl Sinjuri Vella*

Is-Sur Cordina talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex terġa' tinqara l-imejl qabel ma tingħata risposta u wara tinbgħat ittra lis-Sinjuri Vella.

Is-Sur Simon Vella daħal onlajn f'dan il-mument 5.35p.m.

Is-Sur Cordina elenka il-punti ewlenin sabiex tingħata risposta kollettiva:

1. **Pjazza Tumas Dingli** – Hemm pjan li tiġi rinnovata bi proposta mressqa lil Project Green u li din l-applikazzjoni ġiet aċċettata;
   Rigward l-użu tal-istess pjazza intqal li għalkemm diġà hemm kundizzjonijiet sabiex wieħed jimxi magħhom, fil-futur qarib il-Kunsill se jfassal termini u kundizzjonijiet ġodda u jara li dawn jiġu osservati;
2. **Ġnien ta' ħdejn Jalies** – Dan ser ikun parti mill-proġett tat-tisbieħ tal-pjazza
3. **Żbir ta' siġar fil-planters** – Is-Sur Cordina qal li jaqbel mas-Sinjuri Vella li kienu mitluqa, però qed isir sforz min-naħa tal-Kunsill sabiex dawn jissaqqew iktar spiss u jsir dak li jkun hemm bżonn;
4. **Proposta tal-Busnisses** – Is-Sur Cordina propona li;
   a. Jiġu nstallati *totems* b'riklami jew tabelli ta' direzzjoni fejn jinsabu l-ħwienet;
   b. Jinħoloq *leaflet* bi pjanta ta' Ħ'Attard bl-ismijiet tal-ħwienet u li jistgħu jitqassmu fejn ikun hemm bżonn fosthom fil-lukanda Corinthia sabiex jinġabu aktar turisti u nies mhux residenti fil-lokalità fil-Kunsilli Lokali u kif ukoll fl-Info Centre il-ġdid. L-istess materjal għandu jitpoġġa fuq il-*facebook page* tal-Kunsill. Dawn ikunu *self sustained* u jkollhom riklam u tabella sabiex min jixtieq iħallas għalih. Dan għandu jsir b'notifika mill-Kunsill segwita b'risposta mingħand is-sidien tal-ħwienet.

    c. Business Committee – Jitwaqqaf kumitat li jkollu bħalha ċermen lis-Sur Stefan Cordina u membri oħra mill-Kunsill Lokali s-Sur Alexander Mangion u Sur Victor Galea

5. **Attivitajiet** – Is-Sur Cordina qal li huwa minnu li xi lokalitajiet jorganizzaw xi attivitajiet però huwa minnu ukoll li 70% tal-lokalitajiet ma jagħmlu xejn. Il-finanzi huma dawk li huma. Il-Kunsilli Lokali qed ikollhom japplikaw għal diversi skemi li joħorġu l-Gvern Ċentrali jew r-Reġjun sabiex il-Kunsill jingħata xi fondi. Is-sena l-oħra l-Kunsill Lokali applika sabiex isir il-Christmas Market fejn wara li saru l-*workings* kollha meħtieġa l-ispiza kienet laħqet is-somma ta' €49,905. Hu kompla jgħid li għalkemm konna eleġibbli, d-Dipartiment għoġbu jagħmel mod ieħor u ma ngħatajniex fondi
6. **Tiżjin tal-Milied fit-toroq** – Qal li jammetti li jkunu xi ftit limitati però l-budget hu dak li hu. Dawn ikunu semi finanzjati. Kulħadd jifhem li żżejjen kullimkien huwa mpossibbli. Li jkun hemm titjieb huwa diġà maqbul, diment li jkun hemm il-fondi disponibbli. Lokalitajiet oħra jsibu l-appoġġ tal-komunità kummerċjali fosthom Sliema u Mosta li saħansitra dawn kienu kollha iffinanzjati minnhom.
7. **Fondi** – Hu qal li din mhix skuża imma fatt. Kulħadd jaf li l-fondi tal-Kunsilli Lokali bilkemm iservu. Hemm Kunsilli Lokali li jingħataw għajnuna finanzjarja u anke permezz ta' xogħlijiet mill-Gvern Ċentrali. Qal li dan huwa tajjeb u hekk għandu jkun, però jippretendi li kull lokalità għandha tiġi stmata bl-istess mod. Il-Kunsill dejjem għamel u se jibqa' jagħmel dak kollu possibbli biex jingħataw iktar fondi sabiex itejjbu l-affarjiet u ħajjet in-nies ta' Ħ'Attard. Aċċertahom li mhux minnu li l-Kunsill iħares b'mod differenti lejn il-komunità kummerċjali f'Ħ'Attard u li huma kommessi li jkomplu u jkunu ta' spalla fejn dejjem possibbli għal kull min javviċinahom kif dejjem kienu.

Is-Sur Cordina kompla jispjega li ġabar xi kwotazzjonijiet tat-*totems* kif ukoll l-ispiża tal-pubblikazzjoni tal-*leaflet*. Hu propona li jitlaqqa l-kumitat, tintbagħat l-ittra lis-sidien tal-ħwienet sabiex wieħed jara x'feedback ikun hemm u jekk jista' l-Kunsill jgħin biex jinġabru fondi sabiex u jagħti daqqa t'id sabiex isiru r-riklami.

L-Avukat Caruana saqsiet jekk l-ispiza tal-pubblikazzjoni hix inkluża mal-*artwork*. Is-Sur Cordina wieġeb li l-*artwork* isir min-naħa tagħna.

Is-Sur Cordina kompla jgħid li jridu jaraw x'konkorrenza jkun hemm min-naħa tas-sidien tal-ħwienet u jsiru il-*workings* u jimxu minn hemm biex jipproċedu.

Is-Sur Bonniċi għadda suġġeriment sabiex isir *billboard* bħalma kien ra Pieve bil-pjanta imqassma biċċa biċċa fejn qegħdin il-ħwienet . Is-Sur Cordina fakkar kif ftit taż-żmien ilu l-Awtorita' tat-Trasport qalgħat il-U-Bends tar-reklami kollha mit-toroq. L-unika reklam li ġie approvat mill-Awtorità huwa t-*totem* li ġab kwotazzjoni tiegħu. Is-Sur Bonniċi saqsa kemm il-*totem* se jsiru bis-Sur Cordina jispjega li dawn isiru skont l-area li jinsabu l-ħwienet u skont kemm jikkonkorru sidien tal-ħwienet, isiru tabelli.

Is-suġġerimenti kollha ġew milqugħa u għandu jiltaqa' l-Kumitat mas-sidien tal-ħwienet sabiex jiddiskutu u jimxu min hemm.

Is-Sur Galea xtaq jgħaddi suġġeriment ukoll peress li hu ġie nnominat għal fuq il-kumitat il-ġdid, li għandhom jiltaqgħu mal-Corinthia li hija ażjenda kbira tat-turizmu u jaħdmu mill-qrib magħhom anke' jħallu xi leaflets il-lukanda.

Is-Sur Cordina qal lis-Segretarju sabiex tikteb imejl lis-Sinjuri Vella u tispjegalhom x'intqal waqt il-laqgħa. Kulħadd qabel.

61.3.2 Uffiċini ġodda tal-Kunsill

Is-Sur Cordina qal li l-għada kellhom imorru jinstallaw id-dwal, kif ukoll li għandhom jiltaqgħu mal-Perit u l-kuntrattur. Inxtara dawl LED u dan għandu jibda jiġi installat. Il-bennej għandu jkompli bix-xogħol sabiex tinbena t-tromba tal-lift u jiġi kostruwit t-taraġ barra li jitkomplew il-finishings li għad fadal li isiru. Qal li bażikament qed isir ħafna tkaxkir tas-saqajn u kien hemm anke xi daqsxejn ta' problemi mal-ħaddiema. Kellhom jistennew sakemm jiġu solvuti dawn il-problemi. Irringrazzja pubblikament lis-Sinjuri Vella li kienu jinsabu onlajn talli għoġobhom iġeddulhom l-kera flok spiċċaw barra. Il-kirja preżenti ġiet imġedda għal 6 xhur oħra u l-ħlas sar bil-quddiem.

Is-Sur Galea staqsa jekk hemmx arloġġ tad-dawl bis-Sur Cordina u s-Segretarju jispjegaw li ma jistax ikollok arloġġ tad-dawl qabel ma x-xogħol ikun lest minħabba l-*compliance certificat*.

Is-Sur Bonniċi tenna li qabel il-Milied mhux se jkun lest bis-Sur Galea jgħidlu li jista' jkun hemm progress u jista' le, dejjem skont ix-xogħol. Is-Sur Cordina qallu li sal-aħħar ta' dis-sena allaħares ma jidħlux.

Is-Sur Mangion offra l-għajnuna fejn jidħol *moving u transfer* minn uffiċċju għal ieħor. Is-Sur Galea offra wkoll it-trasport. Is-Sur Cordina nfurmahom li min qed jaħdem offra li jibgħat il-ħaddiema tiegħu sabiex ituna l-għajnuna.

61.3.3 *Info Centre*

Is-Sur Cordina qal li kien hemm daqsxejn ta' problemi u x-xogħol waqa' bi tlett ġimgħat lura imma li issa x-xogħol reġa' qabad ir-ritmu. Komplew it-taraġ u xi affarjiet oħra u kull ma kien jonqos hu l-lift, l-bibien u t-tinda flimkien max-xogħol infrastrutturali fuq barra.

Is-Sur Bonniċi saqsa jekk hemmx xi *timeframe* bis-Sur Cordina jwieġeb li sal-aħħar ta' din is-sena jrid jiġi inawgurat bilfors.

L-Avukat Brincat saqsa jekk hux sa jeħel penali il-kuntrattur talli qabeż il-limitu taż-żmien li fih kellu jkun lest il-proġett?. Is-Sur Cordina u s-Segretarju wieġbu li għalissa mhux se jiddiskutu penali għax hemm riskju li l-kuntratturi jitilqu u jabbandunaw il-

proġetti. Penali se jiġu diskussi wara. L-Avukat Brincat kompla jgħid li din mhix serjetà li kuntrattur ma jlestix fil-ħin il-proġett. Huwa enfasizża li meta dawn jikkompetu ma' kumpaniji oħrajn jagħtu timelines li jistgħu faċilment ikunu favoriti huma minn kumpaniji oħrajn li għal bżonn kieku kienu jlestu *on time*. Jekk hemm xi penali li l-Kunsill ħaqqu jiġbor talli ma tlesthiex fil-ħin miftiehem skont il-kuntratt, il-Kunsill għandu jagħmel l-għalmu tiegħu sabiex jiġbor dak li hu dovut. Is-Segretarju Eżekuttiv iċċarat punt fejn il-kuntratturi jintgħazlu fuq l-irħas offerta mhux għax jiġu favoriti fuq bażi ta' *timelines*. F'dan il-każ partikolari intgħażel it-tieni kuntrattur u daħal appell u kellu jintgħażel il-kuntrattur preżenti għax kien l-irħas offerta. L-Avukat Schembri qal li la dawn ma mxewx mat-*timeline* li għamlu fil-kuntratt għandhom jeħlu l-penali. Is-Sur Cordina qal li jekk iridu jistgħu ikellmu lil kuntratturi fuq il-penali però jekk dawn iwaqqfu l-kuntratt jew jagħmlu xi mandat mhux sa jogħqodu telgħin u neżlin il-qorti u alla jaf meta tinqata'.  L-Avukat Brincat kompla jgħid li din hija opinjoni tiegħu, bis-Sur Cordina jgħidlu li hi valida ħafna imma talbu jtieh soluzzjoni. L-Avukat Brincat wieġeb li dawn għandhom ilestu u jżommu ma' dak miftiehem. Is-Sur Cordina qallu li l-ebda kuntrattur mhu ħa jżomm ma dak li hemm fil-kuntratt u legalment jista' jwaqqafhom.

L-Avukat Caruana qalet li jista' jsir hu li m'għandux isir pagament sħiħ qabel ma jitlesta x-xogħol. Fl-aħħar pagament għandhom jiddeċiedu jekk jinfurzawx il-penali jew le. Is-Sur Cordina spjega li fil-fatt hekk qed jiġri. Il-pagamenti qed joħorġu skont ix-xogħol li jiċċertifika l-perit.  Jonqos isir il-lift, it-taraġ u hemm diversi xogħlijiet oħra.

Is-Sindku kompla jispjega li diġà nħarġu 3 *default notices* u anke intbgħatet ittra legali bil-qorti. L-Avukat Brincat qallu li dak hu biżżejjed għax li kellu jintbgħat intbgħat biex il-Kunsilli ikun kopert. Is-Sur Galea qal li għandna nimxu sabiex jitlesta imbagħad fl-aħħar nitkellmu bil-*Bank Guarantee*.

Is-Sur Cordina qal li dan il-proġett kellu jkun wieħed sempliċi u li kellu jitlesta bla problemi ta' xejn imma nħolqu l-problemi kollha. Il-problema ma kinitx il-Kunsill għax fuq li ċċertifika l-perit tħallas s'issa. Il-problema kienet hu. Is-Sur Cordina kompla jispjega li ltaqa' kemm il-darba mal-kuntrattur u taħ ħasla kif imiss, sar li kellu jsir kif diġà qal u saħansitra intbgħatet l-ittra bil-qorti u wera rieda tajba li ħa jkomplilna li fl-aħħar mill-aħħar dak kien l-importanti. L-Avukat Brincat qal li tajjeb li nżommuh *on edge* għax jekk jinqala' xi ħaġa oħra forsi s-Sinjuri Vella ma jkunux jistgħu jerġgħu jġeddulna l-kirja. Jekk il-kirja ma tergax tiġġedded ikollna problema ferm ikbar. Għalhekk it-tir tal-Kunsill għandu jkun li jfittxu jlestu.

## 61.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

61.4.1 Is-Victor Galea

- Saqsa rigward iż-żebra *crossings* ta' Triq iz-Zagħfran. Is-Sur Cordina qal li dawk ħa jsiru imma qed jistennew il-parts minn barra.

- Talab ukoll jekk hu possibbli tixxarrab it-triq fejn qed isiru ix-xogħlijiet fi Triq il-Linja. Is-Sur Cordina qal li se tintbagħat imejl lil Infrastructure Malta.

## 61.5 Rapporti: Aġġudikazzjoni Tenders - Rakkomandazzjonijiet u Awards

61.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kif spjega sew is-Sur Cordina ix-xogħol fuq l-Info Centre mexa ġmielu u parti minn dax-xogħol kienet l-offerta tal-għamara. L-offerta tal-għamara ġiet aġġudikata lil Bukan li hija kumpanija Torka. Sar kuntatt magħhom fil-ġranet li għaddew, ġie iffirmat l-kuntratt u saħansitra bagħtu persuna diġà biex ikejlu l-għamara. U minn hemmhekk mexjin sabiex mat-tmiem il-proġett titlesta l-għamara ukoll. Fuq ix-xogħlijiet ta' barra kif qal diga' is-Sur Cordina mexjien.

Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet li għandhom 3 tenders oħra li ġew magħluqa u li fuq il-bordijiet tal-Evalwazzjoni kien hemm l-Avukat Caruana u s-Sur Remigio Bartolo li huma:

### Tender No-Urban Roads

Il-bord lesta l-evalwazzjoni u qed jipproponi li tiġi aġġudikata lil Carmel Mifsud għall-prezz ta' €3540 fis-sena.

### Tender Printed Material

Il-bord lesta l-evalwazzjoni u qed jipproponi li tiġi aġġudikata lil Bonniċi Press għall-prezz ta' €20244 fis-sena.

### Tender għal xiri ta' Van

Kien hemm offerta waħda u għalhekk qed jiġi rakkomandat li tingħata lil Michael Attard Ltd.

Is-Sur Cordina spjega li l-Kunsill ingħata l-fondi sabiex jinxtara u li ser jintuża biex jingħata servizz lill-anzjani u residenti tal-lokalità tagħna. Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tispjega li dawn il-fondi huma tat-Transport Malta u li huwa wkoll *Environmental Friendly* u *wheelchair* friendly.

Is-Sur Bonniċi saqsa jekk xi ħadd li jagħmel użu minn *wheelchair* ikunx inkluz. Is-Segretarju qaltlu li l-van jesa' 8 persuni *plus* ix-xufier.

Hija qalet li dawn ir-rapporti qed jitpoġġew fuq il-mejda sabiex jiġu approvati u li se jibqa' għaddej il-proċess tal-aġġudikazzjoni hekk kif jgħaddu l-għaxar t'ijiem t'appell.

Dawn ir-rapporti ġew approvati.

Is-Sur Cordina saqsa jekk xi ħadd iridx isaqsi xi mistoqsija.

Is-Sur Bartolo saqsa min ser ikun qed isuq il-van? Is-Sur Cordina qal li jrid jiġi mpjegat xufier fuq bażi part-time. Kulħadd qabel li għandhom jinħarġu ir-rekwiziti li huma mitluba skont il-proċess dipartimentali.

Is-Sur Galea ikkummenta minħabba l-liċenzja. Is-Sur Cordina qal li 8 seater tista' tużah bħal karozza privata. Ma jkunx hemm bżonn li tinħareġ *tag* jew *special licence*, sakemm is-servizz ikun qed jingħata b'xejn u mhux bil-flus.

## 61.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

61.6.1 Ma kienx hemm xogħlijiet oħra.

## 61.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

61.7.1 Is-Segretarju spjegat li kif diġà qal is-Sur Cordina peress li l-uffiċċini ġew imġedda għal 6 xhur zdied fl-iskeda pagament bil-quddiem lis-Sinjuri Vella ta' 6 xhur u l-pagament tal-tender tal-knis għax daħal fl-aħħar mument.

L-Avukata Caruana staqsiet rigward pagament nru 13. Is-Sur Cordina wera ritratti tat-tindif li sar biex jitneħħa l-ħmieġ tal-ħamiem, tindif ta' l-Enbankment li jsir bl-idejn u tindif tal-*culverts* bl-idejn fost affarjiet oħra.

L-Avukata Caruana staqiet rigward il-pagamenti tal-WasteServ tal-organic waste. Staqsiet jekk hux qed jinġabar min-naħa tagħna jew mir-Reġjun. Is-Sur Cordina u s-Segretarju spjegaw li qabel kien jitqabbad il-kuntrattur tal-iskart domestiku u jitħallas mill-Kunsill. Il-ħġieġ u riċiklaġġ kien jitħallas mill-Gvern Ċentrali għax kien jinġabar mill-GreenPak u l-organic kien jitħallas mill-Kunsill imbagħad il-Kunsill kien jirċiev *reimbursement* mill-WasteServ.

L-iskeda ġiet approvata bi proponent is-Sur Alex Mangion u sekondant l-Avukat Caruana.

## 61.8 Mozzjonijiet; u

61.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 61.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

61.9.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-6.28pm u ġiet aġġornata għas-26 ta' Lulju 2023 fis-5.30pm

Konfermati, illum 26 ta' Lulju 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |